MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 59/2006

**Doreen Mifsud**

**vs**

**Carmelo sive Charles Gauci**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu l-attrici talbet hlas tas-somma ta' elf mija u disghin lira Maltija (LM1190.00) rapprezentanti manteniment dovut lilha minnu ghax-xhur ta' Novembru 2004 sa Jannar 2006 skond kuntratt tas- 6 ta' Marzu 2003, b'l-ispejjez

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12

tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fit- 2 ta' Ottubru 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' elf mija u disghin lira Maltija (LM1190.00) u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------